MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 129/2015

**Edmond Mugliette u Alexander Farrugia**

**vs**

**More Supermarkets (Hamrun) Limited**

**More Supermarkets (Mosta) Limited**

**More Supermarkets (Fgura) Limited**

**More Supermarkets (P'Ville) Limited**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' More Supermarkets (Hamrun) Limited u l-intimati l-ohra tad-9 ta' Frar 2015 fl-atti ta' din is-subbasta biex din is-subbasta tigi sospiza ghaliex qed jigi attakkat permezz ta' kawzi appoziti t-titolu ezekuttiv vantat mill-kredituri Mugliette u

Farrugia cioe zewg kuntratti ta’ kostituzzjoni ta’ debitu t-tnejn datati 20 ta’ Gunju 2014 fl-atti tan-Nutar Claire Camilleri;

Rat ir-risposta tal-kredituri li opponew ghas-sospenzjoni;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Qabel xejn din il-Qorti ma tqis gusta l-eccezzjoni tal-kredituri li dan ir-rikors sar minghajr ma gew depozitati l-ispejjez ai termini tal-artikolu 326(2) tal-Kap. 12. Dan ma jirrizultax minnu u l-atti juru illi fil-fatt sar depozitu.

In kwantu ghal mertu tal-kwistjoni, jirrizulta illi prima facie ma hemm xejn proceduralment irregolari bil-hrug tal-mandat li sar in konsegwenza ta’ att notarili ta’ kostituzzjoni ta’ debitu li minnu innifsu jirrendu t-titolu ezekuttiv rez ezegwibbli skond il-ligi mill-istess kredituri bl-atti gudizjarji opportuni.

Din il-Qorti tqis li tali titolu jaghti sahha fil-ligi lil kreditur li jezegwixxi t-titolu tieghu bla xkiel sakemm ma jingiebx lil Qorti raguni ta’ impediment legittimu jew allegazzjoni ta’ fatt jew dritt procedurali, jew sostantiv fil-mertu kontra l-esekuzjoni ta’ tali titolu li hi serja u prima facie gustifikata u li l-konsegwenzi jekk is-sospensjoni ma tintlaqax ghal min jitlob is-sospensjoni jistghu jkunu irrimedjabbli, jew difficilment newtralizzati.

Is-socjetajiet More Supermarkets fil-kawzi li fethu kontra l-kredituri Mugliette u Farrugia jressqu ragunijiet procedurali u fil-mertu kontra l-validita tat-titolu tal-kredituri. Jallegaw illi r-rapprezentant li deher ghas-socjetajiet More Supermarkets hlief D. More Holdings Limited ma kellux il-kapacita raprrezentativa tas-socjetajiet

ghax kien irrizenja minn direttur qabel id-data tal-kuntratt u illi f'kaz ta' kumpanija minnhom ma setghu jsiru ebda ftehim simili minghajr l-approvazzjoni tal-laqgha generali. In oltre jizdied illi l-kawzali tal-kuntratt cioe self kien wiehed falz u fabbrikat.

Il-Qorti tqis illi l-allegazzjoni ta' qerq u frodi perpetrati minn persuni qua rapprezentanti tas-socjetajiet debituri meta ma kienux hekk awtorizzati u l-konsegwenti simulazzjoni tal-kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu huma allegazzjonijiet serji hafna fil-konfront tal-kredituri li implicitament kienu komplici f'dan l-att simulat jekk ebda self ma ezista. Hu minnu illi ebda prova ma ingiebet quddiem din il-Qorti dwar l-allegat simulazzjoni u n-natura vera tar-relazzjoni bejn dawn il-kredituri u r-rapprezentanti tas-socjetajiet li dehru fuq il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu. Pero mill-banda l-ohra l-Qorti ma tistax tkun impassiva u tippermetti t-tkomplija ta' atti ta' subbasta qabel ma kwistjoni simili tigi l-ewwel rizolta salv u impregudikati kull dritt iehor tal-partijiet. Del resto ebda argument ma ngieb mill-kredituri li jrendi kompletament inattendibbli legalment jew fattwalment l-allegazzjoni tal-kumpaniji More Supermarkets.

Fic-cirkostanzi ghalhekk, li jithallew miexja proceduri ta' bejgh tal-beni tal-kumpaniji More Supermarkets meta tali proceduri jistriehu esklussivament fuq il-validita tat-titolu vantat mill-istess kredituri li qed jigi attakkat fl-gherq tieghu, hu fil-fehma tal-Qorti ta' pregudizzju irrimedjabbli ghal kumpaniji More Supermarkets f'kaz li ghandhom ragun meta l-proprjeta taghhom tkun lahqet inbieghet.

**Decide**

Il-Qorti tqis li dak li qed jintalab hu biss is-sospenzjoni pendenti l-ezitu tal-vertenza bejn il-partijiet fuq il-mertu u mhux ir-revoka u ghalhekk il-Qorti wara li qieset sew ic-cirkostanzi tqis li ghandha tintlaqa' t-talba tal-kumpaniji More Supermarkets biex is-subbasta 34/2014 tigi sospiza sa fejn jirrigwarda l-kredituri Edmond Mugliette u Aledander Farrugia pendenti l-ezitu finali fil-kawzi 1001/2014LM u 1002/2014LM fl-

ismijiet More Supermarkets (Hamrun) Limited et vs Edmond Mugliette et u More Supermarkets (Hamrun) Limited et vs Alexander Farrugia et. Spejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------